Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 19

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 59

27 ta' Jannar 2016

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/89 tat-18 ta' Novembru 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni** 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/90 tas-26 ta' Jannar 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 102/2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, *inter alia*, fl-Ukrajna wara rieżami *interim* parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009** 22

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/91 tas-26 ta' Jannar 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 li jimplimenta l-iskema ta' ċertifikazzjoni Kimberley Process fil-kummerċ internazzjonali ta' djamanti mhux maħduma** 28

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/92 tas-26 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 31

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/89

tat-18 ta' Novembru 2015

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jistabbilixxi qafas għall-identifikazzjoni, għall-ippjanar u għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni ("PCIs") li huma meħtieġa biex jiġu implimentati d-disa' kurituri ta' prijorità tal-infrastruttura tal-enerġija ġeografika strateġika identifikati fl-oqsma tal-elettriku, tal-gass u taż-żejt, u t-tliet oqsma ta' prijorità tal-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni kollha għall-grilji intelliġenti, għall-awtostradi tal-elettriku u għan-netwerks tat-trasportazzjoni tad-diossidu tal-karbonju.

(2) Skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tiġi stabbilita l-lista tal-Unjoni tal-PCIs ("lista tal-Unjoni").

(3) Il-proġetti proposti għall-inklużjoni fil-lista tal-Unjoni ġew ivvalutati mill-gruppi reġjonali u jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 347/2013.

(4) L-abbozzi tal-listi reġjonali tal-PCIs ġew miftiehma mill-gruppi reġjonali f'laqgħat fil-livell tekniku. Wara l-opinjonijiet pożittivi tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("ACER") fit-30 ta' Ottubru 2015 dwar l-applikazzjoni konsistenti tal-kriterji ta' valutazzjoni u l-analiżi kostijiet-benefiċċji fir-reġjuni kollha, il-korpi responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-gruppi reġjonali adottaw il-listi reġjonali fit-3 ta' Novembru 2015. Skont l-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, qabel l-adozzjoni tal-listi reġjonali, il-proġetti kollha proposti ġew approvati mill-Istati Membri li mat-territorju tagħhom għandhom x'jaqsmu l-proġetti.

(5) L-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-produtturi, l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, il-fornituri, u l-organizzazzjonijiet għall-ħarsien tal-konsumaturi u tal-ambjent, ġew ikkonsultati dwar il-proġetti proposti għall-inklużjoni fil-lista tal-Unjoni.

(6) Il-PCIs għandhom jiġu elenkati skont il-prijoritajiet tal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea strateġika fl-ordni stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 347/2013. Il-lista tal-Unjoni ma għandha tinkludi l-ebda klassifikazzjoni ta' proġetti.

([1]) ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39.

(7) Il-PCIs iridu jiġu elenkati jew bħala PCIs waħedhom jew inkella bħala parti minn raggruppament ta' diversi PCIs. Madankollu, ċerti PCIs għandhom jiġu raggruppati għaliex huma interdipendenti jew qegħdin (potenzjalment) jikkompetu.

(8) Il-lista tal-Unjoni tinkludi proġetti fi stadji differenti tal-iżvilupp tagħhom, li jinkludu l-prefattibbiltà, il-fattibilità, l-għoti tal-permessi u l-kostruzzjoni. Għall-PCIs fi stadju ta' żvilupp bikri, jistgħu jkunu meħtieġa studji biex juru l-vijabbiltà teknika u ekonomika u l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inkluża l-leġiżlazzjoni ambjentali. F'dan il-kuntest, għandhom jiġu identifikati, ivvalutati u evitati jew imtaffija b'mod xieraq, l-impatti negattivi potenzjali fuq l-ambjent.

(9) L-inklużjoni ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni hija bla preġudizzju għall-eżitu tal-valutazzjoni ambjentali relevanti u għall-proċedura tal-permessi. Skont l-Artikolu 5(8) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, proġett li ma jikkonformax mal-liġi tal-Unjoni jista' jitneħħa mil-lista tal-Unjoni. L-implimentazzjoni tal-PCIs, u l-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni relevanti, għandhom jiġu mmonitorjati f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

(10) Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, il-lista tal-Unjoni tiġi stabbilita kull sentejn, u għalhekk, il-lista tal-Unjoni stabbilita bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1391/2013 ([1]) ma għadhiex valida u għandha tiġi sostitwita.

(11) Skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, il-lista tal-Unjoni għandha tieħu l-forma ta' anness ta' dak ir-Regolament.

(12) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1391/2013 tal-14 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea fir-rigward tal-elenku tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni (ĠU L 349, 21.12.2013, p. 28).

ANNESS

L-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS VII

Il-lista tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni (il-'lista tal-Unjoni'), imsemmija fl-Artikolu 3(4)

A. IL-PRINĊIPJI APPLIKATI FIT-TFASSIL TAL-LISTA TAL-UNJONI

(1) **Raggruppamenti ta' PCIs**

Ċerti PCIs jagħmlu parti minn raggruppament minħabba n-natura interdipendenti tagħhom u minħabba li jikkompetu, jew potenzjalment jikkompetu, ma' xulxin. Dawn it-tipi ta' raggruppament ta' PCIs huma stabbiliti:

— **raggruppament ta' PCIs interdipendenti** huwa ddefinit bħala 'Raggruppament X, inklużi l-PCIs li ġejjin:'. Dan it-tip ta' raggruppament ta' proġetti ġie fformat biex jidentifika l-PCIs li huma kollha meħtieġa biex jiġi indirizzat l-istess ostaklu bejn il-fruntieri tal-pajjiżi u biex jinħolqu sinerġiji jekk il-proġetti jiġu implimentati flimkien. F'dan il-każ, il-PCIs kollha għandhom jiġu implimentati biex jinkisbu l-benefiċċji mal-UE kollha;

— **raggruppament ta' PCIs li potenzjalment jikkompetu** huwa ddefinit bħala 'Raggruppament X, inkluż PCI wieħed jew aktar mill-PCIs li ġejjin:'. Raggruppament bħal dan jirrifletti inċertezza dwar il-kobor tal-ostakli bejn il-fruntieri tal-pajjiżi. F'dan il-każ, mhux il-PCIs kollha inklużi fir-raggruppament iridu jiġu implimentati. Huwa f'idejn is-suq biex jiddetermina jekk PCI wieħed, diversi PCIs jew il-PCIs kollha għandhomx jiġu implimentati, soġġetti għall-approvazzjonijiet regolatorji, għall-permessi u għall-ippjanar. Il-ħtieġa għall-PCIs għandha tiġi vvalutata mill-ġdid fil-proċess sussegwenti tal-identifikazzjoni tal-PCIs, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċità tal-ħtiġijiet; kif ukoll

— **raggruppament ta' PCIs li jikkompetu** huwa ddefinit bħala 'Raggruppament X, inkluż wieħed mill-PCIs li ġejjin:'. Tali raggruppament jindirizza l-istess ostaklu. Madankollu, il-kobor tal-ostaklu huwa aktar ċert milli fil-każ ta' raggruppament ta' PCIs li potenzjalment jikkompetu, u għalhekk għandu jiġi implimentat PCI wieħed biss. Huwa f'idejn is-suq biex jiddetermina liema PCI għandu jiġi implimentat, soġġett għall-approvazzjonijiet regolatorji, għall-permessi u għall-ippjanar meħtieġa. Fejn meħtieġ, il-bżonn ta' PCIs għandu jiġi vvalutat mill-ġdid fi proċess ta' identifikazzjoni ta' PCI sussegwenti.

Il-PCIs kollha huma soġġetti għall-istess drittijiet u obbligi stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 347/2013.

(2) **It-trattament ta' substazzjonijiet u stazzjonijiet tal-kompressuri**

Substazzjonijiet u stazzjonijiet tal-elettriku back-to-back u stazzjonijiet tal-kompressuri tal-gass jitqiesu bħala partijiet tal-PCIs jekk ikunu jinsabu ġeografikament fuq il-linji tat-trażmissjoni. Is-substazzjonijiet, l-istazzjonijiet back-to-back u l-istazzjonijiet tal-kompressuri jitqiesu bħala PCIs awtonomi u huma espliċitament elenkati fil-lista tal-Unjoni jekk il-pożizzjoni ġeografika tagħhom tkun differenti mil-linji tat-trażmissjoni. Dawn huma soġġetti għad-drittijiet u għall-obbligi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 347/2013.

(3) **Id-definizzjoni ta' 'Ma għadux meqjus bħala PCI'**

Il-frażi 'Ma għadux meqjus bħala PCI' tirreferi għal proġetti mil-lista tal-Unjoni stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1391/2013 li ma għadhomx meqjusa bħala PCIs għal waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

— skont id-dejta l-ġdida l-proġett ma jissodisfax il-kriterji ta' eliġibbiltà;

— promotur ma ppreżentahx mill-ġdid fil-proċess tal-għażla għal din il-lista tal-Unjoni;

— diġà ġie kkummissjonat jew għandu jiġi kkummissjonat fil-futur qrib u għalhekk ma jkunx jibbenefika mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 347/2013; jew

— ġie kklassifikat b'mod aktar baxx minn PCIs kandidati oħra fil-proċess tal-għażla.

Proġetti bħal dawn mhumiex PCIs, iżda huma elenkati bin-numri tal-PCI oriġinali tagħhom fil-lista tal-Unjoni għal raġunijiet ta' trasparenza u ċarezza.

Dawn jistgħu jitqiesu għall-inklużjoni fil-lista tal-Unjoni li jmiss jekk ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' inklużjoni fil-lista tal-Unjoni attwali ma jibqgħux japplikaw.

(4) **Id-definizzjoni ta' 'PCIs b'ittikkettjar doppju bħala awtostradi tal-elettriku'**

Il-'PCIs b'ittikkettjar doppju bħala awtostradi tal-elettriku' tfisser PCIs li jappartjenu għal wieħed mill-kurituri tal-elettriku ta' prijorità u għaż-żona tematika ta' prijorità għall-awtostradi tal-elettriku.

B. IL-LISTA TAL-UNJONI TA' PROĠETTI TA' INTERESS KOMUNI

(1) **Kuritur tal-Prijorità tal-Grilja lil hinn mill-Kosta tal-Pajjiżi tal-Baħar tat-Tramuntana ('NSOG')**

Il-bini tal-ewwel interkonnessjoni bejn il-Belġju u r-Renju Unit:

Nru	Definizzjoni
1.1.	Ir-raggruppament tal-Belġju u tar-Renju Unit bejn Zeebrugge u Canterbury [attwalment magħruf bħala l-proġett 'NEMO'] inklużi l-PCIs li ġejjin: 1.1.1. L-interkonnessjoni bejn Zeebrugge (BE) u l-akkwati ta' Richborough (UK) 1.1.2. Il-linja interna bejn l-akkwati ta' Richborough u Canterbury (UK) 1.1.3. Ma għadux meqjus bħala PCI
1.2.	Ma għadux meqjus bħala PCI

Iż-żieda tal-kapaċità tat-trażmissjoni bejn id-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands:

1.3.	Ir-raggruppament tad-Danimarka u tal-Ġermanja bejn Endrup u Brunsbüttel, inklużi l-PCIs li ġejjin: 1.3.1. L-interkonnessjoni bejn Endrup (DK) u Niebüll (DE) 1.3.2. Il-linja interna bejn Brunsbűttel u Niebüll (DE)
1.4.	Ir-raggruppament tad-Danimarka u tal-Ġermanja bejn Kassø u Dollern inklużi l-PCIs li ġejjin: 1.4.1. L-interkonnessjoni bejn Kassø (DK) u Audorf (DE) 1.4.2. Il-linja interna bejn Audorf u Hamburg/Nord (DE) 1.4.3. Il-linja interna bejn Hamburg/Nord u Dollern (DE)
1.5.	L-internkonnessjoni bejn id-Danimarka u n-Netherlands bejn Endrup (DK) u Eemshaven (NL) [attwalment magħrufa bħala 'COBRAcable']

Iż-żieda tal-kapaċità tat-trażmissjoni bejn Franza, l-Irlanda u r-Renju Unit:

1.6.	L-interkonnessjoni bejn Franza u l-Irlanda bejn La Martyre (FR) u Great Island jew Knockraha (IE) [attwalment magħrufa bħala 'Interkonnettur Ċeltiku']

1.7.	Ir-raggruppament ta' interknonnessjonijiet bejn Franza u r-Renju Unit, inklużi wieħed jew aktar mill-PCIs li ġejjin: 1.7.1. L-interkonnessjoni bejn Franza u r-Renju Unit bejn Cotentin (FR) u l-akkwati ta' Exeter (UK) [attwalment magħrufa bħala l-proġett 'FAB'] 1.7.2. L-interkonnessjoni bejn Franza u r-Renju Unit bejn Tourbe (FR) u Chilling (UK) [attwalment magħrufa bħala l-proġett 'IFA2'] 1.7.3. L-interkonnessjoni bejn Franza u r-Renju Unit bejn Coquelles (FR) u Folkestone (UK)[attwalment magħrufa bħala l-proġett 'ElecLink']
1.8.	L-interkonnessjoni bejn il-Ġermanja u n-Norveġja bejn Wilster (DE) u Tonstad (NO) [attwalment magħrufa bħala 'NordLink']
1.9.	Ir-raggruppament li jgħaqqad l-Irlanda mar-Renju Unit, inklużi wieħed jew aktar mill-PCIs li ġejjin: 1.9.1. L-interkonnessjoni bejn l-Irlanda u r-Renju Unit bejn Wexford (IE) u Pembroke, Wales (UK) [attwalment magħrufa bħala 'Greenlink'] 1.9.2. L-interkonnessjoni bejn l-Irlanda u r-Renju Unit bejn iċ-ċentri ta' Coolkeeragh u Coleraine (IE) u l-istazzjon ta' Hunterston, Islay, Argyll u l-Parks Eoliċi fuq il-Baħar f'Location C (UK) [attwalment magħrufa bħala 'ISLES'] 1.9.3. Ma għadux meqjus bħala PCI 1.9.4. Ma għadux meqjus bħala PCI 1.9.5. Ma għadux meqjus bħala PCI 1.9.6. Ma għadux meqjus bħala PCI
1.10.	L-interkonnessjoni bejn in-Norveġja u r-Renju Unit
1.11.	Ma għadux meqjus bħala PCI
1.12.	Il-ħażna ta' enerġija f'arja kkompressata fir-Renju Unit — Larne
1.13.	L-interkonnessjoni bejn l-Iżlanda u r-Renju Unit [attwalment magħrufa bħala 'Ice Link']
1.14.	L-interkonnessjoni bejn Revsing (DK) u Bicker Fen (UK) [attwalment magħrufa bħala 'Viking Link']

(2) **Il-Kuritur tal-Prijorità tal-Interkonnessjonijiet tal-Elettriku bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fil-Punent tal-Ewropa ('NSI West Electricity')**

Nru	Definizzjoni
2.1.	Il-linja interna tal-Awstrija bejn Westtirol u Zell-Ziller (AT) biex tiżdied il-kapaċità fil-fruntiera bejn l-Awstrija u l-Ġermanja

Iż-żieda tal-kapaċità ta' trażmissjoni bejn il-Belġju u l-Ġermanja — il-bini tal-ewwel interkonnessjoni bejn iż-żewġ pajjiżi:

2.2.	Ir-raggruppament tal-Belġju u tal-Ġermanja bejn Lixhe u Oberzier [attwalment magħruf bħala l-proġett ALEGrO], inklużi l-PCIs li ġejjin: 2.2.1. L-interkonnessjoni bejn Lixhe (BE) u Oberzier (DE) 2.2.2. Il-linja interna bejn Lixhe u Herderen (BE) 2.2.3. Is-substazzjon ġdid f'Zutendaal (BE)

2.3.	Ir-raggruppament tal-Belġju u tal-Lussemburgu, iż-żieda fil-kapaċità bejn il-fruntiera tal-Belġju u tal-Lussemburgu, inklużi l-PCIs li ġejjin: 2.3.1. Ma għadux meqjus bħala PCI 2.3.2. L-interkonnessjoni bejn Aubange (BE) u Bascharage/Schifflange (LU)
2.4.	Ma għadux meqjus bħala PCI
2.5.	Ir-raggruppament ta' Franza u tal-Italja bejn Grande Ile u Piossasco, inklużi l-PCIs li ġejjin: 2.5.1. L-interkonnessjoni bejn Grande Ile (FR) u Piossasco (IT) [attwalment magħrufa bħala l-proġett 'Savoie-Piemont'] 2.5.2. Ma għadux meqjus bħala PCI
2.6.	Ma għadux meqjus bħala PCI
2.7.	L-interkonnessjoni bejn Franza u Spanja bejn Aquitaine (FR) u l-Pajjiż Bask (ES) [attwalment magħrufa bħala l-proġett tal-'Golf tal-Biskalja']
2.8.	L-istallazzjoni u l-operazzjoni kkoordinati ta' trasformatur tal-ispostament tal-fażi f'Arkale (ES) biex tiżdied il-kapaċità tal-interkonnessjoni bejn Argia (FR) u Arkale (ES)

Il-kuritur tar-raggruppament Tramuntana-Nofsinhar-Punent fil-Ġermanja biex tiżdied il-kapaċità tat-trażmissjoni u tiġi integrata l-enerġija rinnovabbli:

2.9.	Il-linja interna tal-Ġermanja bejn Osterath u Philippsburg (DE) biex tiżdied il-kapaċità tul il-fruntieri tal-Punent
2.10.	Il-linja interna tal-Ġermanja bejn Brunsbüttel-Groβgartach u Wilster-Grafenrheinfeld (DE) biex tiżdied il-kapaċità tul il-fruntieri tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar
2.11.	Ir-raggruppament tal-Ġermanja, tal-Awstrija u tal-Iżvizzera, żieda fil-kapaċità fiż-żona tal-Lag Constance, inklużi l-PCIs li ġejjin: 2.11.1. Ma għadux meqjus bħala PCI 2.11.2. Il-linja interna fir-reġjun tal-punt ta' Rommelsbach sa Herbertingen (DE) 2.11.3. Il-linja interna, mill-punt ta' Wullenstetten sal-punt ta' Niederwangen (DE) u l-linja interna ta' Neuravensburg saż-żona tal-fruntiera DE-AT
2.12.	L-interkonnessjoni bejn il-Ġermanja u n-Netherlands bejn Niederrhein (DE) u Doetinchem (NL)

Ir-raggruppament ta' proġetti biex tiżdied l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq:

2.13.	Ir-raggruppament ta' interknonnessjonijiet bejn l-Irlanda u r-Renju Unit, inklużi wieħed jew aktar mill-PCIs li ġejjin: 2.13.1. L-interkonnessjoni bejn l-Irlanda u r-Renju Unit bejn Woodland (IE) u Turleenan (UK) 2.13.2. L-interkonnessjoni bejn l-Irlanda u r-Renju Unit bejn Srananagh (IE) u Turleenan (UK)

Iż-żieda tal-kapaċità ta' trażmissjoni bejn l-Iżvizzera u l-Italja:

2.14.	L-interkonnessjoni bejn l-Italja u l-Iżvizzera bejn Thusis/Sils (CH) u Verderio Inferiore (IT)
2.15.	Żieda fil-kapaċità tar-raggruppament tal-Italja u tal-Iżvizzera tul il-fruntiera IT/CH, inklużi l-PCIs li ġejjin: 2.15.1. L-interkonnessjoni bejn Airolo (CH) u Baggio (IT) 2.15.2. Ma għadux meqjus bħala PCI 2.15.3. Ma għadux meqjus bħala PCI 2.15.4. Ma għadux meqjus bħala PCI

Raggruppament ta' proġetti interni biex tiżdied l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-Portugall u biex titjieb il-kapaċità ta' trażmissjoni bejn il-Portugall u Spanja:

2.16.	Żieda fil-kapaċità tar-raggruppament tal-Portugall tul il-fruntiera PT/ES u l-konnessjoni tal-ġenerazzjoni ta' sorsi ġodda tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-PCIs li ġejjin: 2.16.1. Il-linja interna bejn Pedralva u Sobrado (PT), li qabel kienu ddeżinjati bħala Pedralva u Alfena (PT) 2.16.2. Ma għadux meqjus bħala PCI 2.16.3. Il-linja interna bejn Vieira do Minho, Ribeira de Pena u Feira (PT), li qabel kienu ddeżinjati bħala Frades B, Ribeira de Pena u Feira (PT)

Iż-żieda tal-kapaċità ta' trażmissjoni bejn il-Portugall u Spanja:

2.17.	L-interkonnessjoni bejn il-Portugall u Spanja bejn Beariz — Fontefría (ES), Fontefria (ES) — Ponte de Lima (PT) (li qabel kienet Vila Fria/Viana do Castelo) u Ponte de Lima — Vila Nova de Famalicão (PT) (li qabel kienet Vila do Conde) (PT), inklużi substazzjonijiet fi Beariz (ES), Fontefría (ES) u Ponte de Lima (PT)

Il-proġetti ta' ħażniet fl-Awstrija u fil-Ġermanja:

2.18.	Żieda fil-kapaċità ta' ħażna ppumpjata bl-ilma fl-Awstrija—— Kaunertal, Tirol (AT)
2.19.	Ma għadux meqjus bħala PCI
2.20.	Żieda fil-kapaċità ta' ħażna ppumpjata bl-ilma fl-Awstrija — Limberg III, Salzburg (AT)
2.21.	Il-ħażna ppumpjata bl-ilma, Riedl fiż-żona tal-fruntiera AT/DE
2.22.	Il-ħażna ppumpjata bl-ilma, Pfaffenboden f'Molln (AT)

Ir-raggruppament ta' proġetti fit-Tramuntana u fil-Punent tal-Belġju biex tiżdied il-kapaċità ta' trażmissjoni:

2.23.	Ir-raggruppament ta' linji interni fil-fruntiera tat-Tramuntana tal-Belġju bejn Zandvliet — Lillo (BE), Lillo-Mercator (BE), inkluż substazzjon f'Lillo (BE) [attwalment magħruf bħala 'Brabo']
2.24.	Il-linja interna bejn Horta-Mercator (BE)

Ir-raggruppamenti tal-linji interni fi Spanja biex tiżdied il-kapaċità ta' trażmissjoni mal-Mediterran:

2.25.	Ir-raggruppament ta' linji interni fi Spanja biex tiżdied il-kapaċità bejn it-Tramuntana ta' Spanja u ż-żona tal-Mediterran, inklużi l-PCIs li ġejjin: 2.25.1. Il-linji interni ta' Mudejar — Morella (ES) u Mezquite-Morella (ES), inkluż substazzjon f'Mudejar (ES) 2.25.2. Il-linja interna f'Morella-La Plana (ES)
2.26.	l-linja interna ta' Spanja f'La Plana/Morella — Godelleta biex tiżdied il-kapaċità tal-assi tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Mediterran
2.27.	Iż-żieda fil-kapaċità bejn Spanja u Franza (proġett ġeneriku)

(3) **Il-Kuritur ta' Prijorità tal-Interkonnessjonijiet tal-Elettriku bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fil-Lvant Ċentrali u fin-Nofsinhar tal-Ewropa ('NSI East Electricity')**

It-tisħiħ tal-interkonnessjoni bejn l-Awstrija u l-Ġermanja:

Nru	Definizzjoni
3.1.	Ir-raggruppament tal-Awstrija u tal-Ġermanja bejn St. Peter u Isar, inklużi l-PCIs li ġejjin: 3.1.1. L-interkonnessjoni bejn St. Peter (AT) u Isar (DE) 3.1.2. Il-linja interna bejn St. Peter u Tauern (AT) 3.1.3. Ma għadux meqjus bħala PCI

It-tisħiħ tal-interkonnessjoni bejn l-Awstrija u l-Italja:

3.2.	Ir-raggruppament tal-Awstrija u tal-Italja bejn Lienz u r-reġjun tal-Veneto, inklużi l-PCIs li ġejjin: 3.2.1. L-internkonnessjoni bejn Lienz (AT) u r-reġjun tal-Veneto (IT) 3.2.2. Il-linja interna bejn Lienz u Obersielach (AT) 3.2.3. Ma għadux meqjus bħala PCI
3.3.	Ma għadux meqjus bħala PCI
3.4.	L-interkonnessjoni bejn l-Awstrija u l-Italja bejn Wurmlach (AT) u Somplago (IT)
3.5.	Ma għadux meqjus bħala PCI
3.6.	Ma għadux meqjus bħala PCI

It-tisħiħ tal-interkonnessjoni bejn il-Bulgarija u l-Greċja:

3.7.	Ir-raggruppament tal-Bulgarija u tal-Greċja bejn Maritsa East 1 u N. Santa, inklużi l-PCIs li ġejjin: 3.7.1. L-interkonnessjoni bejn Maritsa East 1 (BG) u N. Santa (EL) 3.7.2. Il-linja interna bejn Maritsa East 1 u Plovdiv (BG) 3.7.3. Il-linja interna bejn Maritsa East 1 u Maritsa East 3 (BG) 3.7.4. Il-linja interna bejn Maritsa East 1 u Burgas (BG)

It-tisħiħ tal-interkonnessjoni bejn il-Bulgarija u r-Rumanija:

3.8.	Iż-żieda tal-kapaċità tar-raggruppament tal-Bulgarija u tar-Rumanija [attwalment magħrufa bħala l-'Kuritur tal-Baħar l-Iswed'], inklużi l-PCIs li ġejjin: 3.8.1. Il-linja interna bejn Dobrudja u Burgas (BG) 3.8.2. Ma għadux meqjus bħala PCI 3.8.3. Ma għadux meqjus bħala PCI 3.8.4. Il-linja interna bejn Cernavoda u Stalpu (RO) 3.8.5. Il-linja interna bejn Gutinas u Smardan (RO) 3.8.6. Ma għadux meqjus bħala PCI

It-tisħiħ tal-interkonnessjoni bejn is-Slovenja, il-Kroazja u l-Ungerija, u t-tisħiħ tal-grilja interna fis-Slovenja:

3.9.	Ir-raggruppament tal-Kroazja, tal-Ungerija u tas-Slovenja bejn Žerjavenec/Heviz u Cirkovce, inklużi l-PCIs li ġejjin: 3.9.1. L-interkonnessjonijiet bejn Žerjavenec (HR)/Heviz (HU) u Cirkovce (SI) 3.9.2. Il-linja interna bejn Divača u Beričevo (SI) 3.9.3. Il-linja interna bejn Beričevo u Podlog (SI) 3.9.4. Il-linja interna bejn Podlog u Cirkovce (SI)
3.10.	Ir-raggruppament ta' Iżrael, ta' Ċipru u tal-Greċja bejn Hadera u r-reġjun ta' Attica [attwalment magħruf bħala l-'Interkonnettur EUROASIA'], inklużi l-PCIs li ġejjin: 3.10.1. L-interkonnessjoni bejn Hadera (IL) u Kofinou (CY) 3.10.2. L-interkonnessjoni bejn Kofinou (CY) u Korakia, Kreta (EL) 3.10.3. Il-linja interna bejn Korakia, Kreta u r-reġjun ta' Attica (EL)

It-tisħiħ tal-grilja interna fir-Repubblika Ċeka:

3.11.	Ir-raggruppament tar-Repubblika Ċeka tal-linji interni biex tiżdied il-kapaċità fil-fruntieri tal-Majjistral u tan-Nofsinhar inklużi l-PCIs li ġejjin: 3.11.1. Il-linja interna bejn Vernerov u Vitkoz (CZ) 3.11.2. Il-linja interna bejn Vitkov u Prestice (CZ) 3.11.3. Il-linja interna bejn Prestice u Kocin (CZ) 3.11.4. Il-linja interna bejn Kocin u Mirovka (CZ) 3.11.5. Il-linja interna bejn Mirovka u Cebin (CZ)

Ir-raggruppament tal-kuritur Tramuntana-Nofsinhar-Lvant fil-Ġermanja biex tiżdied il-kapaċità ta' trażmissjoni u tiġi integrata l-enerġija rinnovabbli:

3.12.	Il-linja interna fil-Ġermanja bejn Wolmirstedt u l-Bavarja biex tiżdied il-kapaċità ta' trażmissjoni interna bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar
3.13.	Il-linja interna fil-Ġermanja bejn Halle/Saale u Schweinfurt biex tiżdied il-kapaċità fil-Lvant tal-Kuritur bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar

Iż-żieda tal-kapaċità ta' trażmissjoni bejn il-Ġermanja u l-Polonja:

3.14.	Ir-raggruppament tal-Ġermanja u tal-Polonja bejn Eisenhűttenstadt u Plewiska [attwalment magħruf bħala l-proġett 'GerPol Power Bridge'] inklużi l-PCIs li ġejjin: 3.14.1. L-interkonnessjoni bejn Eisenhűttenstadt (DE) u Plewiska (PL) 3.14.2. Il-linja interna bejn Krajnik u Baczyna (PL) 3.14.3. Il-linja interna bejn Mikułowa u Świebodzice (PL)
3.15.	Ir-raggruppament tal-Ġermanja u tal-Polonja bejn Vierraden u Krajni [attwalment magħruf bħala 'GerPol Improvements'] inklużi l-PCIs li ġejjin: 3.15.1. L-interkonnessjoni bejn Vierraden (DE) u Krajnik (PL) 3.15.2. L-istallazzjoni ta' trasformaturi tal-ispostament tal-fażi fuq il-linji tal-interkonnessjoni bejn Krajnik (PL) — Vierraden (DE) u l-operazzjoni kkoordinata mal-PST fuq l-interkonnettur Mikułowa (PL) — Hagenwerder (DE)

Iż-żieda tal-kapaċità ta' trażmissjoni bejn l-Ungerija u s-Slovakkja:

3.16.	Ir-raggruppament tal-Ungerija u tas-Slovakkja bejn Gőnyü u Gabčikovo, inklużi l-PCIs li ġejjin: 3.16.1. L-interkonnessjoni bejn Gabčikovo (SK) u Gönyű (HU) u Veľký Ďur (SK) 3.16.2. Ma għadux meqjus bħala PCI 3.16.3. Ma għadux meqjus bħala PCI
3.17.	PCI tal-Ungerija u tas-Slovakkja tal-interkonnessjoni bejn Sajóvánka (HU) u Rimavská Sobota (SK)
3.18.	Ir-raggruppament tal-Ungerija u tas-Slovakkja bejn iż-żona ta' Kisvárda u Velké Kapušany inklużi l-PCIs li ġejjin: 3.18.1. L-interkonnessjoni bejn iż-żona ta' Kisvárda (HU) u Velké Kapušany (SK) 3.18.2. Ma għadux meqjus bħala PCI
3.19.	Ir-raggruppament tal-Italja u ta' Montenegro bejn Villanova u Lastva, inklużi l-PCIs li ġejjin: 3.19.1. L-interkonnessjoni bejn Villanova (IT) u Lastva (ME) 3.19.2. Ma għadux meqjus bħala PCI 3.19.3. Ma għadux meqjus bħala PCI
3.20.	Ma għadux meqjus bħala PCI
3.21.	L-interkonnessjoni bejn l-Italja u s-Slovenja bejn Salgareda (IT) u Divača — ir-reġjun ta' Bericevo (SI)
3.22.	Ir-raggruppament tar-Rumanija u tas-Serbja bejn Resita u Pancevo [attwalment magħruf bħala l-'Mid Continental East Corridor'], inklużi l-PCIs li ġejjin: 3.22.1. L-interkonnessjoni bejn Resita (RO) u Pancevo (RS) 3.22.2. Il-linja interna bejn Portile de Fier u Resita (RO) 3.22.3. Il-linja interna bejn Resita u Timisoara/Sacalaz (RO) 3.22.4. Il-linja interna bejn Arad u Timisoara/Sacalaz (RO)

Il-ħażniet ippumpjati bl-ilma fil-Bulgarija u fil-Greċja:

3.23.	Il-ħażna ppumpjata bl-ilma fil-Bulgarija — Yadenitsa
3.24.	Il-ħażna ppumpjata bl-ilma fil-Greċja — Amfilochia
3.25.	Ma għadux meqjus bħala PCI
3.26.	Ma għadux meqjus bħala PCI

(4) **Il-Kuritur ta' Prijorità tal-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq Baltiku tal-Enerġija ('BEMIP Electricity')**

Nru	Definizzjoni
4.1.	L-interkonnessjoni bejn id-Danimarka u l-Ġermanja bejn Tolstrup (DK) u Bentwisch (DE) permezz tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta ta' Kriegers Flak (DK) u l-Baltiku 1 u 2 (DE) [attwalment magħrufa bħala s-'Soluzzjoni Komuni tal-Grilja Kriegers Flak']
4.2.	Ir-raggruppament tal-Estonja u tal-Latvja bejn Kilingi-Nõmme u Riga [attwalment magħruf bħala t-tielet interkonnessjoni] inklużi l-PCIs li ġejjin: 4.2.1. L-interkonnessjonijiet bejn Kilingi-Nõmme (EE) u s-substazzjon CHP2 ta' Riga (LV) 4.2.2. Il-linja interna bejn Harku u Sindi (EE) 4.2.3. Il-linja interna bejn Riga CHP 2 u Riga HPP (LV)
4.3.	Issa parti mill-PCI Nru 4.9.
4.4.	Iż-żieda fil-kapaċità tar-raggruppament tal-Latvja u tal-Iżvezja [attwalment magħruf bħala l-proġett 'NordBalt'], inklużi l-PCIs li ġejjin: 4.4.1. Il-linja interna bejn Ventspils, Tume u Imanta (LV) 4.4.2. Il-linja interna bejn Ekhyddan u Nyboro/Hemsjö (SE)

Żidiet fil-Litwanja u fil-Polonja meħtieġa għat-tħaddim ta' 'LitPol Link I':

4.5.	Ir-raggruppament tal-Litwanja u tal-Polonja bejn Alytus (LT) u Elk (PL) inklużi l-PCIs li ġejjin: 4.5.1. Ma għadux meqjus bħala PCI 4.5.2. Il-linja interna bejn Stanisławów u Olsztyn Mątki (PL) 4.5.3. Ma għadux meqjus bħala PCI 4.5.4. Ma għadux meqjus bħala PCI 4.5.5. Il-linja interna bejn Kruonis u Alytus (LT)

Il-ħażniet ippumpjati bl-ilma fl-Estonja u fil-Litwanja:

4.6.	Il-ħażna ppumpjata bl-ilma fl-Estonja — Muuga
4.7.	Iż-żieda fil-kapaċità tal-ħażna ppumpjata bl-ilma fil-Litwanja — Kruonis

4.8.	Ir-raggruppament tal-Estonja u tal-Latvja u t-tisħiħ intern fil-Litwanja, inklużi l-PCIs li ġejjin: 4.8.1. L-interkonnessjoni bejn Tartu (EE) u Valmiera (LV) 4.8.2. Il-linja interna bejn Balti u Tartu (EE) 4.8.3. L-interkonnessjoni bejn Tsirguliina (EE) u Valmiera (LV) 4.8.4. Il-linja interna bejn Eesti u Tsirguliina (EE) 4.8.5. IL-linja interna bejn is-substazzjon fil-Litwanja u l-fruntiera tal-Istat (LT) 4.8.6. Il-linja interna bejn Kruonis u Visaginas (LT)
4.9.	Diversi aspetti tal-integrazzjoni tan-netwerk tal-elettriku tal-Istati Baltiċi fin-netwerk Ewropew kontinentali, inkluża l-operazzjoni sinkronika (proġett ġeneriku)

(5) **Il-Kuritur ta' Prijorità tal-Interkonnessjonijiet tal-Gass Tramuntana-Nofsinhar fil-Punent tal-Ewropa ('NSI West Gas')**

Proġetti li jippermettu flussi bidirezzjonali bejn l-Irlanda u r-Renju Unit:

Nru	Definizzjoni
5.1.	Ir-raggruppament biex ikunu jistgħu jseħħu flussi bidirezzjonali mill-Irlanda ta' Fuq lejn il-Gran Brittanja u l-Irlanda kif ukoll mill-Irlanda lejn ir-Renju Unit, inklużi l-PCIs li ġejjin: 5.1.1. Kapaċità fiżika ta' fluss fid-direzzjoni opposta fil-punt ta' interkonnessjoni ta' Moffat (IE/UK) 5.1.2. Ammeljorament tal-pipeline SNIP (mill-Iskozja għall-Irlanda ta' Fuq) biex jakkomoda l-kapaċità fiżika ta' fluss fid-direzzjoni opposta bejn Ballylumford u Twynholm 5.1.3. L-iżvilupp tal-faċilità Islandmagee Underground Gas Storage (UGS) f'Larne (l-Irlanda ta' Fuq)
5.2.	Ma għadux meqjus bħala PCI
5.3.	It-Terminal tal-LNG ta' Shannon u l-pipeline ta' konnessjoni (IE)

Il-proġetti li jippermettu flussi bidirezzjonali bejn il-Portugall, Spanja, Franza u l-Ġermanja:

5.4.	It-tielet punt ta' interkonnessjoni bejn il-Portugall u Spanja
5.5.	L-Assi tal-Lvant ta' Spanja u Franza — il-punt ta' interkonnessjoni bejn il-Peniżola Iberika u Franza f'Le Perthus, inklużi l-istazzjonijiet ta' kompressjoni f'Montpellier u f'St. Martin de Crau [attwalment magħruf bħala 'Midcat']
5.6.	It-tisħiħ tan-netwerk Franċiż min-Nofsinhar sat-Tramuntana — il-Fluss fid-direzzjoni opposta minn Franza lejn il-Ġermanja fil-punt ta' interkonnessjoni ta' Obergailbach/Medelsheim (FR)
5.7.	It-tisħiħ tan-netwerk Franċiż min-Nofsinhar sat-Tramuntana biex tinħoloq żona ta' suq uniku, inklużi l-PCIs li ġejjin: 5.7.1. Il-pipeline ta' Val de Saône bejn Etrez u Voisines (FR) 5.7.2. Il-pipeline ta' Gascogne-Midi (FR)
5.8.	It-tisħiħ tan-netwerk Franċiż biex jingħata appoġġ lill-flussi min-Nofsinhar sat-Tramuntana, inklużi l-PCIs li ġejjin: 5.8.1. Il-pipeline Est Lyonnais bejn Saint-Avit u Etrez (FR) 5.8.2. Il-pipeline ta' Eridan bejn Saint-Martin-de-Crau u Saint-Avit (FR)
5.9.	Ma għadux meqjus bħala PCI

5.10.	L-interkonnessjoni tal-fluss fid-direzzjoni opposta tul il-pipeline ta' TENP fil-Ġermanja
5.11.	L-interkonnessjoni tal-fluss fid-direzzjoni opposta bejn l-Italja u l-Iżvizzera fil-punt ta' interkonnessjoni ta' Passo Gries
5.12.	Ma għadux meqjus bħala PCI
5.13.	Ma għadux meqjus bħala PCI
5.14.	Ma għadux meqjus bħala PCI
5.15.	Ma għadux meqjus bħala PCI
5.16.	Ma għadux meqjus bħala PCI
5.17.	Ma għadux meqjus bħala PCI
5.18.	Ma għadux meqjus bħala PCI
5.19.	Il-konnessjoni ta' Malta man-netwerk Ewropew tal-Gass — l-interkonnessjoni tal-pipeline mal-Italja f'Gela u/jew Unità li żżomm f'wiċċ l-ilma għall-ħżin u għar-rigassifikazzjoni tal-LNG (FSRU–Floating Storage Regasification Unit) lil hinn mill-kosta
5.20.	Il-pipeline tal-gass li jgħaqqad l-Alġerija mal-Italja (li jgħaddi minn Sardinja) [attwalment magħruf bħala l-pipeline 'Galsi']

(6) **Il-Kuritur ta' Prijorità tal-Interkonnessjonijiet tal-Gass Tramuntana-Nofsinhar fl-Ewropa tal-Lvant Ċentrali u fl-Ewropa tax-Xlokk ('NSI East Gas')**

Il-proġetti li jippermettu l-flussi bidirezzjonali bejn il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja li jgħaqqdu t-terminals tal-LNG fil-Polonja u fil-Kroazja:

Nru	Definizzjoni
6.1.	Ammeljorament fir-raggruppament tal-interkonnessjoni Ċeka–Pollakka u t-tisħiħ intern relatat fil-Punent tal-Polonja, inklużi l-PCIs li ġejjin: 6.1.1. L-interkonnettur bejn il-Polonja u r-Repubblika Ċeka [attwalment magħruf bħala 'Stork II'] bejn Libhošť — Hať (CZ/PL) — Kędzierzyn (PL) 6.1.2. Il-proġetti tal-infrastruttura ta' trażmissjoni bejn Lwówek u Kędzierzyn (PL) 6.1.3. Issa parti mill-PCI Nru 6.1.2. 6.1.4. Issa parti mill-PCI Nru 6.1.2. 6.1.5. Issa parti mill-PCI Nru 6.1.2. 6.1.6. Issa parti mill-PCI Nru 6.1.2. 6.1.7. Issa parti mill-PCI Nru 6.1.2. 6.1.8. Issa parti mill-PCI Nru 6.2.3. 6.1.9. Issa parti mill-PCI Nru 6.1.2. 6.1.10. Issa parti mill-PCI Nru 6.2.3. 6.1.11. Issa parti mill-PCI Nru 6.2.3. 6.1.12. Il-pipeline Tvrdonice-Libhošť, inkluż l-ammeljorament ta' CS Břeclav (CZ)

Nru	Definizzjoni
6.2.	L-interkonnessjoni tar-raggruppament tal-Polonja u tas-Slovakkja u t-tisħiħ intern relatat fil-Lvant tal-Polonja, inklużi l-PCIs li ġejjin: 6.2.1. L-interkonnettur bejn il-Polonja u s-Slovakkja 6.2.2. Il-proġetti tal-infrastruttura ta' trażmissjoni bejn Rembelszczyzna u Strachocina (PL) 6.2.3. Il-proġetti tal-infrastruttura ta' trażmissjoni bejn Tworóg u Strachocina (PL) 6.2.4. Issa parti mill-PCI Nru 6.2.2. 6.2.5. Issa parti mill-PCI Nru 6.2.2. 6.2.6. Issa parti mill-PCI Nru 6.2.2. 6.2.7. Issa parti mill-PCI Nru 6.2.2. 6.2.8. Issa parti mill-PCI Nru 6.2.2. 6.2.9. Issa parti mill-PCI Nru 6.2.2.
6.3.	Ma għadux meqjus bħala PCI
6.4.	PCI Interkonnessjoni bidirezzjonali Awstrijaka — Ċeka (BACI) bejn Baumgarten (AT) — Reinthal (CZ/AT) — Brečlav (CZ)

Proġetti li jippermettu l-fluss tal-gass mit-terminal tal-LNG Kroat lejn il-pajjiżi ġirien:

6.5.	Ir-raggruppament Krk, it-terminal tal-LNG u l-pipelines ta' evakwazzjoni lejn l-Ungerija u lil hinn minnha, inklużi l-PCIs li ġejjin: 6.5.1. L-iżvilupp gradwali ta' terminal tal-LNG f'Krk (HR) 6.5.2. Il-pipeline tal-gass ta' Zlobin — Bosiljevo — Sisak — Kozarac — Slobodnica (HR) 6.5.3. Ma għadux meqjus bħala PCI 6.5.4. Ma għadux meqjus bħala PCI
6.6.	Issal-PCI Nru 6.26.1.
6.7.	Ma għadux meqjus bħala PCI

Proġetti li jippermettu l-flussi tal-gass mill-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar u/jew mit-terminals tal-LNG fil-Greċja, li jgħaddu mill-Greċja, mill-Bulgarija, mir-Rumanija, mis-Serbja u lil hinn lejn l-Ungerija, inkluża l-kapaċità ta' flussi fid-direzzjoni opposta min-Nofsinhar lejn it-Tramuntana u l-integrazzjoni tas-sistemi ta' tranżitu u ta' trażmissjoni:

6.8.	L-interkonnessjoni tar-raggruppament bejn il-Greċja, il-Bulgarija u r-Rumanija, u t-tisħiħ meħtieġ fil-Bulgarija, inklużi l-PCIs li ġejjin: 6.8.1. L-interkonnessjoni bejn il-Greċja u l-Bulgarija [attwalment magħrufa bħala IGB] bejn Komotini (EL) u Stara Zagora (BG) 6.8.2. Ir-riabilitazzjoni, il-modernizzazzjoni u l-espansjoni meħtieġa tas-sistema ta' trażmissjoni Bulgara 6.8.3. L-interkonnessjoni taċ-ċirku tat-Tramuntana tas-sistema ta' trażmissjoni tal-gass Bulgara mal-pipeline ta' Podisor — Horia u l-espansjoni tal-kapaċità fuq is-sezzjoni ta' Hurezani-Horia-Csanadpalota 6.8.4. Il-pipeline tal-gass bl-għan li tiġi estiża l-kapaċità fuq l-interkonnessjoni taċ-ċirku tat-Tramuntana tan-netwerks tat-trażmissjoni tal-gass tal-Bulgarija u tar-Rumanija

6.9.	It-terminal tal-LNG tar-raggruppament fit-Tramuntana tal-Greċja, inklużi l-PCIs li ġejjin: 6.9.1. It-terminal tal-LNG fit-Tramuntana tal-Greċja 6.9.2. Ma għadux meqjus bħala PCI 6.9.3. L-istazzjon tal-kompressuri tal-gass f'Kipi (EL)
6.10.	PCI tal-interkonnessjoni tal-gass tal-Bulgarija u tas-Serbja [attwalment magħrufa bħala 'IBS']
6.11.	Ma għadux meqjus bħala PCI
6.12.	Ma għadux meqjus bħala PCI
6.13.	6.13.1. Issal-PCI Nru 6.24.4. 6.13.2. Issal-PCI Nru 6.24.5. 6.13.3. Issal-PCI Nru 6.24.6.
6.14.	Issal-PCI Nru 6.24.1.
6.15.	L-interkonnessjoni tas-sistema ta' trażmissjoni nazzjonali mal-pipelines għat-trażmissjoni tal-gass internazzjonali u l-fluss fid-direzzjoni opposta f'Isaccea (RO) 6.15.1. Issa parti mill-PCI 6.15. 6.15.2. Issa parti mill-PCI 6.15.

Il-proġetti li jippermettu li l-fluss tal-gass mill-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar jgħaddi mill-Italja lejn il-Grigal tal-Ewropa

6.16.	Ma għadux meqjus bħala PCI
6.17.	Ma għadux meqjus bħala PCI
6.18.	Il-pipeline Adriatica (IT)
6.19.	Ma għadux meqjus bħala PCI

Il-proġetti li jippermettu l-iżvilupp ta' kapaċità ta' ħżin tal-gass taħt l-art fix-Xlokk tal-Ewropa:

6.20.	Żieda fil-kapaċità tal-ħżin tar-raggruppament fix-Xlokk tal-Ewropa, inklużi wieħed jew aktar minn dawn il-PCIs li ġejjin: 6.20.1. Ma għadux meqjus bħala PCI 6.20.2. Espansjoni tal-UGS f'Chiren (BG) 6.20.3. Ma għadux meqjus bħala PCI u wieħed mill-PCIs li ġejjin: 6.20.4. Il-ħażna tal-gass ta' Depomures fir-Rumanija 6.20.5. Il-ħażna ġdida tal-gass taħt l-art fir-Rumanija 6.20.6. Il-ħażna tal-gass taħt l-art ta' Sarmasel fir-Rumanija

6.21.	Ma għadux meqjus bħala PCI
6.22.	Ma għadux meqjus bħala PCI
6.23.	L-interkonnessjoni bejn l-Ungerija u s-Slovenja (Nagykanizsa — Tornyiszentmiklós (HU) — Lendava (SI) — Kidričevo)
6.24.	Iż-żieda gradwali fil-kapaċità tar-raggruppament tul il-kuritur ta' trażmissjoni bidirezzjonali tal-Bulgarija, tar-Rumanija, tal-Ungerija u tal-Awstrija (attwalment magħruf bħala 'ROHUAT/BRUA') biex tippermetti 1,75 bcm/a fl-ewwel fażi u 4,4 bcm/a fit-tieni fażi, inklużi riżorsi ġodda mill-Baħar l-Iswed: 6.24.1. Il-fluss fid-direzzjoni opposta bejn ir-Rumanija u l-Ungerija: L-ewwel stadju CS tas-sezzjoni Ungeriża f'Csanádpalota (l-ewwel fażi) 6.24.2. L-iżvilupp fit-territorju Rumen tas-Sistema Nazzjonali tat-Trażmissjoni tal-Gass tul il-Kuritur tal-Bulgarija, tar-Rumanija, tal-Ungerija u tal-Awstrija — il-pipeline ta' trażmissjoni Podișor — Horia GMS u tliet stazzjonijiet tal-kompressuri ġodda (Jupa, Bibești u Podișor) (l-ewwel fażi) 6.24.3. GCA Mosonmagyarovar CS (l-iżvilupp fuq in-naħa Awstrijaka) (l-ewwel fażi) 6.24.4. Il-pipeline ta' Városföld-Ercsi– Győr (kapaċità ta' 4,4 bcm/a) (HU) 6.24.5. Il-pipeline ta' Ercsi-Százhalombatta (kapaċità ta' 4,4 bcm/a) (HU) 6.24.6. Il-pipeline tal-istazzjon tal-kompressuri ta' Városföld (kapaċità ta' 4,4 bcm/a) (HU) 6.24.7. Espansjoni tal-kapaċità tat-trażmissjoni fir-Rumanija lejn l-Ungerija sa 4,4 bcm fis-sena (it-tieni fażi) 6.24.8. Il-pipeline tal-kosta tal-Baħar l-Iswed — Podișor (RO) għall-akkwiżizzjoni tal-gass tal-Baħar l-Iswed 6.24.9. Il-fluss fid-direzzjoni opposta bejn ir-Rumanija u l-Ungerija: It-tieni stadju CS tas-sezzjoni Ungeriża fi Csanádpalota jew f'Algyő (HU) (kapaċità ta' 4,4 bcm/a) (it-tieni fażi)
6.25.	L-infrastruttura tar-raggruppament sabiex jitwassal gass ġdid lejn ir-reġjun fiċ-Ċentru u fix-Xlokk tal-Ewropa bl-għan ta' diversifikazzjoni, inklużi wieħed jew aktar mill-PCIs li ġejjin: 6.25.1. Is-sistema tal-pipeline mill-Bulgarija sas-Slovakkja [attwalment magħrufa bħala 'Eastring'] 6.25.2. Is-sistema tal-pipeline mill-Greċja sal-Awstrija [attwalment magħrufa bħala 'Tesla'] 6.25.3. It-tkabbir ulterjuri tal-kuritur ta' trażmissjoni bidirezzjonali tal-Bulgarija, tar-Rumanija, tal-Ungerija u tal-Awstrija [attwalment magħruf bħala 'ROHUAT/BRUA', it-tielet fażi] 6.25.4. L-infrastruttura li tippermetti l-iżvilupp tal-hub tal-gass tal-Bulgarija
6.26.	Ir-raggruppament tal-Kroazja, tas-Slovenja u tal-Awstrija f'Rogatec, inklużi l-PCIs li ġejjin: 6.26.1. L-interkonnessjoni bejn il-Kroazja u s-Slovenja (Lučko — Zabok — Rogatec) 6.26.2. CS Kidričevo, it-tieni fażi tal-ammeljorament (SI) 6.26.3. L-istazzjonijiet tal-kompressuri fis-sistema tat-trażmissjoni tal-gass tal-Kroazja 6.26.4. GCA 2014/04 Murfeld (AT) 6.26.5. L-ammeljorament tal-interkonnessjoni bejn Murfeld u Ceršak (AT-SI) 6.26.6. L-ammeljorament tal-interkonnessjoni ta' Rogatec

(7) **Il-kuritur ta' prijorità Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar ('SGC')**

Nru	Definizzjoni
7.1.	Raggruppament ta' PCIs tal-infrastruttura tat-trasport integrata, iddedikata u li tista' tlaħħaq ma' domanda akbar u tagħmir assoċjat għat-trasport ta' minimu ta' 10 bcm/a ta' sorsi ġodda ta' gass mir-Reġjun tal-Kaspju, li jgħaddi mill-Ażerbajġan, mill-Georgia u mit-Turkija u li jilħaq is-swieq tal-UE fil-Greċja u fl-Italja, u inklużi wieħed jew aktar mill-PCIs li ġejjin: 7.1.1. Il-pipeline tal-gass lejn l-UE mit-Turkmenistan u mill-Ażerbajġan, li jgħaddi mill-Georgia u mit-Turkija, [attwalment magħruf bħala l-kombinazzjoni tal-'Pipeline tal-Gass Trans-Kaspju' (TCP), l-'Espansjoni tal-Pipeline tal-Kawkasu tan-Nofsinhar' (SCP-(F)X) u l-'Pipeline tal-Gass Naturali tat-Trans-Anatolja' (TANAP)] 7.1.2. L-istazzjon tal-kompressuri tal-gass f'Kipi (EL) 7.1.3. Il-pipeline tal-gass mill-Greċja sal-Italja li jgħaddi mill-Albanija u mill-Baħar Adrijatiku [attwalment magħruf bħala l-'Pipeline Trans-Adrijatiku' (TAP)] 7.1.4. Il-pipeline tal-gass mill-Greċja sal-Italja [attwalment magħruf bħala l-'Pipeline Poseidon'] 7.1.5. Ma għadux meqjus bħala PCI 7.1.6. L-Istazzjonijiet ta' Kejl u Regolazzjoni għall-konnessjoni tas-sistema ta' trażmissjoni Griega mat-TAP 7.1.7. Il-pipeline ta' Komotini u Thesprotia (EL)
7.2.	Ma għadux meqjus bħala PCI
7.3.	7.3.1. Il-pipeline minn lil hinn mill-kosta ta' Ċipru sal-Greċja kontinentali li jgħaddi minn Kreta [attwalment magħruf bħala l-'Pipeline EastMed'] 7.3.2. It-tneħħija tal-ostakli interni f'Ċipru biex jintemm l-iżolament u biex titħalla t-trażmissjoni tal-gass mir-reġjun tal-Lvant tal-Mediterran
7.4.	Raggruppament ta' interkonnessjonijiet mat-Turkija, inklużi l-PCIs li ġejjin: 7.4.1. L-Istazzjon tal-kompressuri tal-gass f'Kipi (EL) 7.4.2. L-interkonnettur bejn it-Turkija u l-Bulgarija [attwalment magħruf bħala 'ITB']

(8) **Il-Kuritur ta' Prijorità, Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq Baltiku tal-Enerġija fil-gass ('BEMIP Gas')**

Nru	Definizzjoni
8.1.	Raggruppament li jiddiversifika l-provvista fir-Reġjun tal-Lvant tal-Baħar Baltiku, inklużi l-PCIs li ġejjin: 8.1.1. L-interkonnettur bejn l-Estonja u l-Finlandja [attwalment magħruf bħala 'Balticconnector'] 8.1.2. Wieħed mit-terminals tal-LNG li ġejjin: 8.1.2.1. Ma għadux meqjus bħala PCI 8.1.2.2. Paldiski LNG (EE) 8.1.2.3. Tallinn LNG (EE) 8.1.2.4. Ma għadux meqjus bħala PCI

It-tisħiħ tal-infrastruttura ta' trażmissjoni fl-Istati Baltiċi u l-immodernizzar tal-ħażna taħt l-art tal-gass fil-Latvja:

8.2.	L-ammeljorament tal-infrastruttura ta' raggruppament fir-reġjun tal-Lvant tal-Baħar Baltiku, inklużi l-PCIs li ġejjin: 8.2.1. Titjib tal-interkonnessjoni bejn il-Latvja u l-Litwanja 8.2.2. Titjib tal-interkonnessjoni bejn l-Estonja u l-Latvja 8.2.3. Ma għadux meqjus bħala PCI 8.2.4. Titjib tal-Ħażna Taħt l-Art tal-Gass ta' Inčukalns (LV)
8.3.	L-interkonnessjoni bejn il-Polonja u d-Danimarka [attwalment magħrufa bħala l-'Pajp Baltiku']
8.4.	Ma għadux meqjus bħala PCI
8.5.	L-interkonnessjoni bejn il-Polonja u l-Litwanja [attwalment magħrufa bħala 'GIPL']
8.6.	It-terminal tal-LNG ta' Gothenburg fl-Iżvezja
8.7.	L-estensjoni tal-kapaċità tat-terminal tal-LNG ta' Świnoujście fil-Polonja
8.8.	Ma għadux meqjus bħala PCI

(9) **Kuritur ta' Prijorità, Konnessjonijiet tal-Provvista taż-Żejt fil-Lvant Ċentrali tal-Ewropa ('OSC')**

It-titjib tas-sigurtà tal-provvista taż-żejt fir-reġjun tal-Lvant Ċentrali tal-Ewropa billi tiżdied l-interoperabbiltà u jitħallew rotot tal-provvista alternattivi adegwati:

Nru	Definizzjoni
9.1.	Il-pipeline ta' Adamowo u Brody: il-pipeline li jgħaqqad is-sit ta' mmaniġġar ta' JSC Uktransnafta fi Brody (l-Ukraina) mal-Park tat-Tankijiet ta' Adamowo (il-Polonja)
9.2.	Il-pipeline ta' Bratislava u Schwechat: il-pipeline li jgħaqqad lil Schwechat (l-Awstrija) ma' Bratislava (ir-Repubblika Slovakka)
9.3.	il-pipelines ta' JANAF u Adria: ir-rikostruzzjoni, l-ammeljorament, il-manutenzjoni u ż-żieda fil-kapaċità tal-pipelines eżistenti ta' JANAF u Adria li jgħaqqdu l-port tal-baħar Kroat ta' Omislaj man-Nofsinhar ta' Druzhba (il-Kroazja, l-Ungerija, ir-Repubblika Slovakka); (L-interkonnessjoni bejn l-Ungerija u s-Slovakkja ma għadhiex meqjusa bħala PCI)
9.4.	Il-pipeline ta' Litvinov (ir-Repubblika Ċeka) u Spergau (il-Ġermanja): il-proġett ta' estensjoni tal-pipeline taż-żejt grezz ta' Druzhba lejn ir-raffinerija TRM Spergau
9.5.	Il-pipeline tar-raggruppament ta' Pomorze (il-Polonja), inklużi l-PCIs li ġejjin: 9.5.1. Il-kostruzzjoni ta' terminal taż-żejt fi Gdańsk 9.5.2. L-espansjoni tal-pipeline ta' Pomorze: iċ-ċirkwiti u t-tieni linja tul il-pipeline ta' Pomorze li jgħaqqad il-park tat-tankijiet ta' Plebanka (qrib Płock) mat-terminal ta' mmaniġġar ta' Gdańsk
9.6.	TAL Plus: l-espansjoni tal-kapaċità tal-pipeline TAL bejn Trieste (l-Italja) u Ingolstadt (il-Ġermanja)

(10) **Iż-Żona Tematika ta' Prijorità għall-Użu tal-Grilji Intelliġenti**

Nru	Definizzjoni
10.1.	Il-Proġett taż-Żona Ħadra fit-Tramuntana tal-Atlantiku (l-Irlanda, ir-Renju Unit/l-Irlanda ta' Fuq) jimmira li jnaqqas il-qtugħ fil-konnessjoni tal-parks eoliċi permezz tal-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni, titjib fl-interkonnessjoni u fil-kontroll tal-grilja u l-istabbiliment ta' protokolli (transfruntiera) għall-Ġestjoni tad-Domanda.
10.2.	Green-Me (Franza, l-Italja) jimmira li jtejjeb l-integrazzjoni tal-RES permezz tal-implimentazzjoni ta' sistemi tal-awtomatizzazzjoni, tal-kontroll u tal-monitoraġġ fis-substazzjonijiet HV u HV/MV, inklużi l-komunikazzjoni mal-ġeneraturi rinnovabbli u l-ħażna fis-substazzjonijiet primarji, kif ukoll l-iskambju ta' dejta ġdida biex ikun hemm ġestjoni aħjar tal-interkonnessjoni transfruntiera.
10.3.	Is-SINCRO GRID (is-Slovenja u l-Kroazja) jimmira li jsolvi l-vultaġġ tan-netwerk, il-frekwenza tal-kontroll u l-kwistjonijiet ta' konġestjoni li jippermettu l-użu ulterjuri ta' enerġija rinnovabbli u l-ispostament ta' ġenerazzjoni konvenzjonali permezz tal-integrazzjoni ta' elementi attivi ġodda fil-grilji ta' trażmissjoni u distribuzzjoni fiċ-ċentru ta' kontroll transfruntier virtwali abbażi ta' ġestjoni ta' dejta avvanzata, ta' ottimizzazzjoni ta' sistema komuni u ta' previżjoni bl-involviment ta' żewġ TSOs ġirien u ż-żewġ DSOs ġirien.

(11) **Iż-Żona Tematika ta' Prijorità għall-Awtostradi tal-Elettriku**

Il-lista ta' PCIs b'ittikkettjar doppju bħala awtostradi tal-elettriku

Nru	Definizzjoni
Il-Kuritur ta' Prijorità tal-Grilja lil hinn mill-Kosta tal-Pajjiżi tal-Baħar tat-Tramuntana ('NSOG')	
1.1.1.	L-interkonnessjoni bejn Zeebrugge (BE) u l-akkwati ta' Richborough (UK)
1.3.1.	L-interkonnessjoni bejn Endrup (DK) u Niebüll (DE)
1.3.2.	Il-linja interna bejn Brunsbűttel u Niebűll (DE)
1.4.1.	L-interkonnessjoni bejn Kassø (DK) u Audorf (DE)
1.4.2.	Il-linja interna bejn Audorf u Hamburg/Nord (DE)
1.4.3.	Il-linja interna bejn Hamburg/Nord u Dollern (DE)
1.5.	L-internkonnessjoni bejn id-Danimarka u n-Netherlands bejn Endrup (DK) u Eemshaven (NL) [attwalment magħrufa bħala 'COBRAcable']
1.6.	L-interkonnessjoni bejn Franza u l-Irlanda bejn La Martyre (FR) u Great Island jew Knockraha (IE) [attwalment magħrufa bħala l-'Interkonnettur Ċeltiku']
1.7.1.	L-interkonnessjoni bejn Franza u r-Renju Unit bejn Cotentin (FR) u l-akkwati ta' Exeter (UK) [attwalment magħrufa bħala l-proġett 'FAB']
1.7.2.	L-interkonnessjoni bejn Franza u r-Renju Unit bejn Tourbe (FR) u Chilling (UK) [attwalment magħrufa bħala l-proġett 'IFA2']

Nru	Definizzjoni
1.7.3.	L-interkonnessjoni bejn Franza u r-Renju Unit bejn Coquelles (FR) u Folkestone (UK)[attwalment magħrufa bħala l-proġett 'ElecLink']
1.8.	L-interkonnessjoni bejn il-Ġermanja u n-Norveġja bejn Wilster (DE) u Tonstad (NO) [attwalment magħrufa bħala 'NordLink']
1.10.	L-interkonnessjoni bejn in-Norveġja u r-Renju Unit
1.13.	L-interkonnessjoni bejn l-Iżlanda u r-Renju Unit [attwalment magħrufa bħala 'Ice Link']
1.14.	L-interkonnessjoni bejn Revsing (DK) u Bicker Fen (UK) [attwalment magħrufa bħala 'Viking Link']

Il-Kuritur tal-Prijorità tal-Interkonnessjonijiet tal-Elettriku bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fil-Punent tal-Ewropa ('NSI West Electricity')

2.2.1.	L-interkonnessjoni bejn Lixhe (BE) u Oberzier (DE)
2.5.1.	L-interkonnessjoni bejn Grande Ile (FR) u Piossasco (IT) [attwalment magħrufa bħala l-proġett 'Savoie-Piemont']
2.7.	L-interkonnessjoni bejn Franza u Spanja bejn Aquitaine (FR) u l-Pajjiż Bask (ES) [attwalment magħrufa bħala l-proġett tal-'Golf tal-Biskalja']
2.9.	Il-linja interna tal-Ġermanja bejn Osterath u Philippsburg (DE) biex tiżdied il-kapaċità tul il-fruntieri tal-Punent
2.10.	Il-linja interna tal-Ġermanja bejn Brunsbüttel-Groβgartach u Wilster-Grafenrheinfeld (DE) biex tiżdied il-kapaċità tul il-fruntieri tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar
2.13.	Ir-raggruppament ta' interknonnessjonijiet bejn l-Irlanda u r-Renju Unit, inklużi wieħed jew aktar mill-PCIs li ġejjin: 2.13.1. L-interkonnessjoni bejn l-Irlanda u r-Renju Unit bejn Woodland (IE) u Turleenan (UK) 2.13.2. L-interkonnessjoni bejn l-Irlanda u r-Renju Unit bejn Srananagh (IE) u Turleenan (UK)

Il-Kuritur ta' Prijorità, l-Interkonnessjonijiet tal-Elettriku bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fil-Lvant Ċentrali u fin-Nofsinhar tal-Ewropa ('NSI East Electricity')

3.10.1.	L-interkonnessjoni bejn Hadera (IL) u Kofinou (CY)
3.10.2.	L-interkonnessjoni bejn Kofinou (CY) u Korakia, Kreta (EL)
3.10.3.	Il-linja interna bejn Korakia, Kreta u r-reġjun ta' Attika (EL)
3.12.	Il-linja interna fil-Ġermanja bejn Wolmirstedt u l-Bavarja biex tiżdied il-kapaċità ta' trażmissjoni interna bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar

Nru	Definizzjoni
Il-Kuritur ta' Prijorità, il-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku ('BEMIP Electricity')	
4.1.	L-interkonnessjoni bejn id-Danimarka u l-Ġermanja bejn Tolstrup (DK) u Bentwisch (DE) permezz tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta ta' Kriegers Flak (DK) u l-Baltiku 1 u 2 (DE) [attwalment magħrufa bħala s-'Soluzzjoni Komuni tal-Grilja Kriegers Flak']"

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/90

tas-26 ta' Jannar 2016

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 102/2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, *inter alia,* fl-Ukrajna wara rieżami *interim* parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) (ir-"Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Billi:

1. **PROĊEDURA**

1.1. **Il-miżuri fis-seħħ**

(1) Il-miżuri antidumping fis-seħħ dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw fl-Ukrajna kienu oriġinarjament imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1796/1999 ([2]) (ir-"Regolament oriġinali") u estiżi l-aħħar permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 102/2012 ([3]) (il-"miżuri fis-seħħ").

(2) Dawn il-miżuri fis-seħħ jieħdu l-forma ta' dazju *ad valorem* ta' 51,8 %.

1.2. **Talba għal rieżami**

(3) Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") rċeviet talba għal rieżami *interim* parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. It-talba saret minn PJSC "PA" "Stalkanat-Silur" ("l-applikant"), produttur esportatur mill-Ukrajna.

(4) It-talba kienet limitata fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-analiżi tad-dumping li jikkonċerna biss lill-applikant.

(5) Fit-talba tiegħu, l-applikant ipprovda evidenza *prima facie* li l-bidliet fl-istruttura kurrenti tiegħu bbażati fuq il-fużjoni ta', *inter alia*, żewġ produtturi esportaturi indipendenti fl-Ukrajna (li wieħed minnhom biss kien ġie investigat individwalment), huma ta' natura dejjiema.

(6) Barra minn hekk, l-applikant sostna li abbażi tal-prezzijiet domestiċi tal-applikant stess, jew abbażi tal-valur normali maħdum (il-kostijiet ta' manifattura, il-kostijiet tal-bejgħ, dawk ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u l-profitt) minflok il-valur normali tal-pajjiż analogu użat preċedentement, il-marġni ta' dumping tal-applikant huwa ferm aktar baxx mil-livell kurrenti tal-miżuri.

(7) Għalhekk, l-applikant sostna li ma kienx hemm aktar il-ħtieġa li jibqgħu jiġu imposti l-miżuri fil-livell eżistenti sabiex jagħmlu tajjeb għall-effetti ta' dumping dannuż kif stabbilit preċedentement.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1796/1999 tat-12 ta' Awwissu 1999 li jimponi dazju definittiv antidumping, u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost, fuq importazzjoni ta' ħbula u cables tal-azzar ġejjin mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Ungerija, l-Indja, il-Messiku, il-Polonja, l-Afrika ta' Isfel u l-Ukrajna u li jtemm il-proċeduri legali kontra antidumping minn importazzjonijiet ġejjin mir-Repubblika tal-Korea (ĠU L 217, 17.8.1999, p. 1) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 11, Vol. 032, p. 106).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 102/2012 tas-27 ta' Jannar 2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mill-Ukrajna kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar mibgħutin mill-Marokk, mill-Moldova u mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi u sew jekk le, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u li ttemm il-proċediment tar-reviżjoni tal-iskadenza li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mill-Afrika t'Isfel skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 36, 9.2.2012, p. 1).

1.3. **Tnedija ta' rieżami**

(8) Wara li għarrfet lill-Istati Membri, il-Kummissjoni ddeterminat li kienet teżisti biżżejjed evidenza sabiex tiġġustifika t-tnedija ta' rieżami *interim* parzjali u permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([1]) tat-18 ta' Novembru 2014 ħabbret it-tnedija ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, limitata fil-kamp ta' applikazzjoni għall-analiżi tad-dumping li jikkonċerna biss lill-applikant.

1.4. **Il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili**

(9) Il-prodott ikkonċernat mir-rieżami attwali huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali u fl-aħħar investigazzjoni li wasslet biex jiġu imposti l-miżuri fis-seħħ, jiġifieri ħbula u kejbils tal-azzar, li jinkludu l-ħbula koljaturi maqfulin, esklużi ħbula u kejbils tal-azzar inossidabbli, b'qies ta' wiċċ il-qatgħa massimu ta' aktar minn 3 mm, li joriġinaw fl-Ukrajna ("il-prodott ikkonċernat" jew l-"SWR"), attwalment klassifikabbli taħt il-kodiċi(jiet) NM ex 7312 10 81, ex 7312 10 83, ex 7312 10 85, ex 7312 10 89 u ex 7312 10 98.

(10) Il-prodott li huwa prodott u mibjugħ fl-Ukrajna, kif ukoll f'pajjiżi terzi, u dak esportat lejn l-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u l-istess użu aħħari u għalhekk jitqiesu li huma simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

1.5. **Il-partijiet ikkonċernati**

(11) Il-Kummissjoni għarrfet uffiċjalment lill-applikant, lill-assoċjazzjoni magħrufa tal-industrija tal-Unjoni u lill-awtoritajiet tal-Ukrajna dwar it-tnedija tar-rieżami *interim*. Il-partijiet interessati ngħataw opportunità li jressqu l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu għal smigħ.

(12) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-applikant u rċeviet tweġiba sal-iskadenza stipulata. Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li dehrilha li kien meħtieġ sabiex jiġi ddeterminat id-dumping. Il-verifika saret fl-istabbiliment tal-applikant f'Odessa, l-Ukrajna.

1.6. **Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami**

(13) L-investigazzjoni ta' rieżami kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2013 sal-30 ta' Settembru 2014.

2. **RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI**

2.1. **Id-dumping**

2.1.1. *Il-valur normali*

(14) Il-volum totali tal-bejgħ b'esportazzjoni lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kien limitat għal żewġ tranżazzjonijiet ta' bejgħ biss, u kif spjegat fil-premessa (26), dawn it-tranżazzjonijiet ma tqisux bħala rappreżentattivi. B'hekk, kif imsemmi wkoll fil-premessa (26), il-prezz tal-esportazzjoni kien iddeterminat abbażi tal-bejgħ b'esportazzjoni mwettaq mill-applikant lejn pajjiżi terzi matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Il-volum tal-bejgħ lejn swieq ta' pajjiżi terzi ntuża biex tiġi vvalutata r-rappreżentattività tal-bejgħ domestiku sabiex ikun stabbilit il-valur normali għall-finijiet tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku

(15) Sabiex ikun iddeterminat il-valur normali, l-ewwel ġie stabbilit jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili tal-applikant lil klijenti indipendenti kienx rappreżentattiv meta mqabbel mal-volum totali tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. F'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, irriżulta li l-bejgħ domestiku kien rappreżentattiv billi l-volum totali tal-bejgħ domestiku kien mill-anqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ b'esportazzjoni lejn pajjiżi terzi matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

([1]) Avviż ta' bidu ta' rieżami *interim* parzjali tal-miżuri tal-antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mill-Ukrajna (ĠU C 410, 18.11.2014, p. 15).

(16) Għal kull tip tal-prodott mibjugħ mill-applikant fis-suq domestiku tiegħu u li jirriżulta komparabbli direttament mat-tip tal-prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, ġie stabbilit jekk il-bejgħ domestiku kienx rappreżentattiv biżżejjed għall-finijiet tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip partikolari tal-prodott kien ikkunsidrat rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum totali ta' dak it-tip tal-prodott mibjugħ fis-suq domestiku lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali ta' bejgħ tat-tip ta' prodott komparabbli esportat lejn pajjiżi terzi matul l-istess perjodu.

(17) Ġie eżaminat ukoll jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip ta' prodott jistax jitqies bħala bejgħ li sar fl-andament normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi ġie stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ domestiku lil klijenti indipendenti li sar bi qligħ matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami għal kull tip tal-prodott esportat lejn pajjiżi terzi li kienu kkonċernati.

(18) Għal dawk it-tipi tal-prodott li għalihom aktar minn 80 % bħala volum tal-bejgħ fis-suq domestiku kien ogħla mill-kost u l-prezz tal-bejgħ medju ponderat ta' dak it-tip kien daqs jew ogħla mill-kost ta' produzzjoni għal kull unità, il-valur normali, skont it-tip tal-prodott, ġie kkalkolat bħala dak tal-medja ponderata tal-prezzijiet domestiċi attwali tal-bejgħ kollu tat-tip tal-prodott inkwistjoni, irrispettivament minn jekk il-bejgħ sarx bi qligħ jew le.

(19) Meta l-volum tal-bejgħ li sar bi qligħ ta' tip tal-prodott irrappreżenta 80 % jew anqas tal-bejgħ totali, jew meta l-prezz medju ponderat ta' dak it-tip tal-prodott kien anqas mill-kost ta' produzzjoni għal kull unità, il-valur normali ġie bbażat fuq il-prezz domestiku attwali, li ġie kkalkolat bħala prezz medju ponderat tal-bejgħ domestiku bi qligħ biss ta' dak it-tip tal-prodott li sar matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(20) Kull fejn il-prezzijiet domestiċi ta' tip partikolari tal-prodott mibjugħ mill-applikant ma setgħux jintużaw sabiex jiġi stabbilit il-valur normali, il-valur normali ġie stabbilit f'konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.

(21) Meta ġie biex jissawwar il-valur normali skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, l-ammonti għall-kostijiet tal-bejgħ, dawk ġenerali u amministrattivi u għall-profitti ġew ibbażati, skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, fuq id-dejta attwali marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ, tal-prodott simili, min-naħa tal-applikant.

(22) Wara d-divulgazzjoni finali, l-applikant sostna li l-bejgħ domestiku tiegħu lill-kumpaniji li huma proprjetà tal-Istat (state-owned companies, SOEs) għandu jkun eskluż mid-determinazzjoni tal-valur normali. L-applikant saħaq li l-prezzijiet li l-SOEs intalbu jħallsu kienu sistematikament aktar għoljin mill-prezzijiet li l-klijenti l-oħra fis-suq domestiku ntalbu jħallsu abbażi ta' riskju ogħla ta' nuqqas ta' pagament jew ta' pagament b'dewmien sinifikattiv, li kien rifless ukoll fil-politika tariffarja interna tal-kumpanija. Ġie sostnut li l-prezzijiet ogħla ma kellhomx għalhekk rabta mal-karatteristiċi tal-prodott ikkonċernat. It-tieni nett, l-applikant sostna li fejn il-valur normali nħadem f'konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, il-kostijiet tal-bejgħ, dawk ġenerali u amministrattivi (selling, general and administrative, "SG&A") biss imġarrba fil-bejgħ domestiku lil distributuri indipendenti għandhom jintużaw sabiex tkun żgurata l-komparabilità mal-bejgħ b'esportazzjoni li sar esklużivament għall-istess tip ta' konsumaturi.

(23) Fir-rigward tat-talba tal-applikant għall-esklużjoni tal-bejgħ domestiku lill-SOEs mid-determinazzjoni tal-valur normali, l-evidenza miġbura matul l-investigazzjoni kkonfermat li l-prezzijiet tal-bejgħ għall-SOEs, għal kull tip tal-prodott, kienu bħala medja ogħla b'mod konsistenti minn dawk li ntalbu jħallsu kull tip ta' klijent ieħor fis-suq domestiku. Din id-differenza konsistenti fil-prezzijiet irriżultat minn taħlita ta' għadd ta' fatturi speċifiċi li jolqtu biss lil dan it-tip ta' klijent fis-suq domestiku. (i) l-identifikazzjoni min-naħa tal-applikant li l-bejgħ lill-SOEs għandu riskju għoli ta' nuqqas ta' pagament jew ta' pagamenti mdewwma ħafna; (ii) il-fatt li din il-politika tiġi applikata b'mod effettiv billi l-SOEs jingħataw perjodi ta' kreditu ħafna itwal (fosthom il-possibbiltà ta' posponiment ulterjuri tal-pagament bħalma huwa rifless fil-kuntratt); (iii) l-evidenza ta' każijiet ta' pagamenti mdewwma fil-passat; (iv) il-fatt li l-liġi tal-Ukrajna teżenta lill-SOEs milli jissodisfaw il-pretensjonijiet tal-kredituri f'każ ta' falliment; (v) il-fatt li l-bejgħ lill-SOEs isir permezz ta' proċeduri tal-offerti kumplessi, li fihom id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt ma jkunux negozjabbli u jintuża kuntratt standard stabbilit minn qabel, u fl-aħħar nett li (vi) l-liġi ma tippermettix lill-SOEs li jagħmlu pagamenti bil-quddiem għall-akkwist ta' oġġetti. Għaldaqstant, abbażi ta' dawn iċ-ċirkostanzi speċifiċi, it-talba tal-applikant ġiet aċċettata.

(24) Fir-rigward tat-talba biex jintużaw biss il-kostijiet tal-SG&A mġarrba fil-bejgħ lid-distributuri indipendenti meta jinħadem il-valur normali, l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku jipprevedi li l-ammonti għall-kostijiet tal-SG&A għandhom ikunu bbażati fuq id-dejta attwali marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ, tal-prodott simili, min-naħa tal-applikant. F'konformità ma' dan l-Artikolu, intużat id-dejta tal-applikant marbuta mal-bejgħ kollu (bl-esklużjoni tal-bejgħ lill-SOEs) fis-suq domestiku. Billi l-prezzijiet tal-bejgħ lill-utenti aħħarin fis-suq domestiku ġew aġġustati f'konformità mal-Artikolu 2(10)(d)(i) tar-Regolament bażiku (kif spjegat fil-premessi (30) u (31) aktar 'l isfel), dawn tpoġġew fuq livell paragunabbli mal-bejgħ domestiku lid-distributuri indipendenti. Għaldaqstant, din it-talba ġiet irrifjutata.

(25) L-applikant saħaq ukoll li meta jinħadem il-valur normali skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, għandu jintuża marġni ta' profitt raġonevoli ta' 5 %. Saret referenza għal investigazzjoni preċedenti rigward l-SWR, li fiha marġni ta' profitt bħal dan ġie kkunsidrat bħala raġonevoli. L-applikant saħaq ulterjorment li altrimenti, il-livell ta' profitt ma għandux jaqbeż il-livell ta' profitt miksub fir-rigward tal-bejgħ lid-distributuri indipendenti billi dan il-livell ta' bejgħ huwa paragunabbli mal-livell tal-bejgħ b'esportazzjoni. Madankollu, skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, l-ammonti għall-kostijiet tal-SG&A u għall-profitti għandhom ikunu bbażati fuq id-dejta attwali tal-applikant marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ, tal-prodott simili. Billi din id-dejta kienet disponibbli, intużat għalhekk f'konformità ma' dan l-Artikolu. Għaldaqstant, din it-talba ġiet irrifjutata.

2.1.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(26) Kien hemm biss żewġ tranżazzjonijiet ta' bejgħ li saru lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Ma ġewx ikkunsidrati bħala rappreżentattivi minħabba l-volum limitat tagħhom u għaliex saru lejn klijent wieħed biss bi speċifikazzjonijiet partikolari tal-prodott. Għalhekk il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, li jagħti lok għal prezz tal-esportazzjoni li jkun imsawwar fuq kull bażi raġonevoli. F'dan il-każ, intuża l-bejgħ tal-prodott simili li sar mill-applikant lil pajjiżi terzi matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami bħala bażi għall-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni. Tabilħaqq, il-bejgħ lil pajjiżi terzi kien ikkaratterizzat minn volum sinifikanti lil għadd kbir ta' klijenti u l-investigazzjoni ma żvelatx distorsjonijiet fil-prezzijiet jew fatturi oħrajn fis-swieq tal-pajjiżi terzi, li setgħu jindikaw li l-bejgħ tal-applikant lil dawn is-swieq ma setax jintuża għall-fini li jkun stabbilit il-prezz tal-esportazzjoni.

2.1.3. *Tqabbil*

(27) Il-valur normali medju u l-prezz medju tal-esportazzjoni tqabblu fuq il-bażi tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika. Bl-għan li jkun żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, saret konċessjoni dovuta f'għamla ta' aġġustamenti għad-differenza fil-kostijiet tat-trasport u tal-kreditu f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(28) L-applikant ippreżenta wkoll talba għal aġġustament tal-valur normali għad-differenza fil-livell ta' kummerċ filwaqt li rrefera għall-fatt li l-bejgħ tiegħu fis-suq domestiku lill-kummerċjanti u lill-utenti aħħarin minn ċentri ta' bejgħ reġjonali ma kienx komparabbli mal-bejgħ lid-distributuri indipendenti. L-applikant kompla billi sostna li l-bejgħ kollu b'esportazzjoni sar lid-distributuri indipendenti u kien b'hekk komparabbli biss mal-bejgħ domestiku lid-distributuri indipendenti. F'konformità mal-Artikolu 2(10)(d)(i) tar-Regolament bażiku, ġie msostni li bażi għall-kalkolu tal-aġġustament tkun dik tad-differenza medja ponderata fil-prezzijiet ta' bejn il-bejgħ liż-żewġ livelli ta' kummerċ fis-suq domestiku.

(29) Wara d-divulgazzjoni finali, l-applikant kompla jsostni t-talba tiegħu għal aġġustament għad-differenzi fil-livell ta' kummerċ. Barra minn hekk, saħaq li d-determinazzjoni tal-aġġustament fil-livell ta' kummerċ għandha ssir fuq bażi trimestrali sabiex jitneħħa l-impatt tad-devalwazzjoni tal-munita tal-Ukrajna kontra l-muniti barranin milli jkollu impatt fuq il-prezzijiet tal-materja prima u l-inflazzjoni għolja fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(30) L-investigazzjoni żvelat li l-bejgħ lill-kummerċjanti (minn ċentri ta' bejgħ reġjonali) sar tabilħaqq f'livell ta' kummerċ differenti minn dak tal-bejgħ b'esportazzjoni u li din id-differenza kienet riflessa fil-prezzijiet tal-bejgħ. Il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku lill-utenti aħħarin minn ċentri ta' bejgħ reġjonali kienu ogħla b'mod konsistenti u l-kwantitajiet kienu inqas b'mod konsistenti milli għall-bejgħ lid-distributuri indipendenti. Barra minn hekk, l-utenti aħħarin ibbenefikaw minn servizzi addizzjoni offruti miċ-ċentri ta' bejgħ reġjonali. Għaldaqstant, ingħata aġġustament għad-differenzi fil-livell ta' kummerċ fis-sens tal-Artikolu 2(10)(d)(i) tar-Regolament bażiku.

(31) L-applikant ibbaża l-kalkolu tal-aġġustament mitlub fuq id-differenza medja kumplessiva fil-prezzijiet bejn iż-żewġ livelli ta' kummerċ ipponderata abbażi tal-volumi mibjugħa lid-distributuri indipendenti. Madankollu, il-volumi mibjugħa lid-distributuri indipendenti ma għandhomx ikollhom effett fuq il-livell ta' aġġustament. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkalkolat l-aġġustament abbażi tad-differenza medja ponderata fil-prezzijiet għal kull tunnellata u għal kull tip tal-prodott applikata għall-volum ta' bejgħ lill-utenti aħħarin biss.

(32) Fl-aħħar nett, l-aġġustament ma ġiex ikkalkulat fuq bażi trimestrali kif propost mill-applikant, billi ġie stabbilit li dan ma jmewwitx l-impatt tad-distorsjonijiet imsemmija fil-premessa (29).

2.1.4. *Il-marġini tad-dumping*

(33) Kif previst fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valur normali medju ponderat skont it-tip tqabbel mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat lejn pajjiżi terzi tat-tip korrispondenti tal-prodott simili. Dan it-tqabbil wera l-eżistenza ta' dumping.

(34) Il-marġni ta' dumping tal-applikant, maħdum bħala perċentwal tal-prezz nett u frank fil-fruntiera tal-Unjoni, irriżulta li kien ta' 10,5 %.

2.2. **In-natura dejjiema taċ-ċirkostanzi mibdulin**

(35) F'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni analizzat jekk iċ-ċirkostanzi mibdulin fir-rigward tad-dumping jistgħux b'mod raġonevoli jitqiesu ta' natura dejjiema.

(36) Id-dazju antidumping li japplika attwalment ġie stabbilit matul l-investigazzjoni oriġinali. Matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' dik l-investigazzjoni, l-Ukrajna kienet ikkunsidrata bħala ekonomija fi tranżizzjoni u b'hekk il-valur normali ġie stabbilit abbażi tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku. Minħabba f'hekk, il-valur normali ġie stabbilit abbażi tal-prezzijiet imħallsin f'suq ta' pajjiż analogu li huwa pajjiż b'ekonomija tas-suq, jiġifieri l-Polonja.

(37) Fl-2005, l-Ukrajna ngħatat l-*istatus* ta'ekonomija tas-suq u għalhekk l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku ma għadux japplika għaliha aktar. Għalhekk, il-marġni ta' dumping tal-applikant matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kien ibbażat fuq id-dejta proprja vverifikata.

(38) L-evidenza miksuba u vverifikata matul l-investigazzjoni kkonfermat il-bidliet fl-istruttura kurrenti tal-kumpanija tiegħu, ibbażati fuq il-fużjoni ta' żewġ produtturi esportaturi indipendenti u entità terza responsabbli għall-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni. Il-fużjoni twettqet fl-2010. Il-bidla hija meqjusa bħala waħda ta' natura dejjiema billi l-kompiti mwettqa preċedentement mill-entitajiet separati ġew trasferiti b'mod effettiv lill-applikant. Ma rriżultat l-ebda indikazzjoni li tindika bidliet possibbli fil-ġejjieni.

(39) Għalhekk, fid-dawl ta' kulma ntqal hawn fuq, qed jitqies li ċ-ċirkostanzi li wasslu għat-tnedija ta' din ir-reviżjoni aktarx li mhumiex se jinbidlu fil-futur qrib b'mod li jaffettwaw is-sejbiet tar-reviżjoni attwali. Għalhekk, ġie konkluż li l-bidliet jitqiesu bħala ta' natura dejjiema u li l-applikazzjoni tal-miżuri fil-livell kurrenti tagħha ma tibqax ġustifikata aktar.

(40) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Kumitat Kollaborattiv tal-Industriji tal-Ħbula tal-Wajer tal-UE (EU Wire Rope Industries, EWRIS) saħaq li l-operazzjonijiet militari li għaddejjin fir-reġjun tal-Ukrajna, li fih tinsab waħda miż-żewġ siti ta' produzzjoni tal-applikant, ma jippermettux li jkun konkluż li l-bidla msemmija fil-premessa (38) hija ta' natura dejjiema. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett jiġi nnutat li l-konklużjoni dwar in-natura dejjiema taċ-ċirkostanzi mibdula fir-rigward tad-dumping kienet ibbażata fuq żewġ elementi msemmija fil-premessi (37) u (38), li minnhom l-EWRIS tikkontesta biss wieħed. It-tieni nett, l-investigazzjoni stabbiliet li s-sit ta' produzzjoni tal-applikant fir-reġjun ta' Donetsk waqaf jopera mis-sajf tal-2014, u b'hekk il-kapaċità ta' produzzjoni tal-applikant ġiet limitata. Deċiżjoni bħal din min-naħa tal-applikant, xprunata mit-tħassib dwar is-sigurtà, ma tikkontradiċix il-konklużjoni li l-fużjoni ta' dawk li qabel kienu żewġ produtturi tal-SWR ilha fis-seħħ mill-2010 u li din tikkostitwixxi bidla strutturali tal-operati taż-żewġ kumpaniji li hija ta' natura dejjiema. Għaldaqstant, dan l-argument ġie rrifjutat.

3. **MIŻURI ANTIDUMPING**

(41) Fid-dawl tar-riżultati ta' din l-investigazzjoni ta' rieżami, huwa meqjus f'loku li jiġi emendat id-dazju antidumping applikabbli fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Ukrajna billi jiddaħħal dazju applikabbli għal PJSC "PA" "Stalkanat-Silur" fil-livell ta' 10,5 %.

(42) Il-miżuri fis-seħħ għall-pajjiż kollu ma jintlaqtux minn din il-konklużjoni.

4. DIVULGAZZJONI

(43) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa bil-fatti essenzjali u bil-kunsiderazzjonijiet li wasslu għall-konklużjonijiet imsemmija aktar 'il fuq u ngħataw l-opportunità li jagħtu l-kummenti tagħhom. Il-kummenti tagħhom ittieħdu f'kunsiderazzjoni meta dan kien xieraq. Ġaladarba dawn il-kummenti wasslu għal bidliet sostanzjali fil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-marġni ta' dumping, seħħet it-tieni divulgazzjoni lill-partijiet interessati fit-8 ta' Diċembru 2015. Il-kummenti wara t-tieni divulgazzjoni tqiesu fil-każijiet xierqa.

(44) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 102/2012 huwa sostitwit bis-sussegwenti:

"3. Ir-rata tad-dazju definittiv antidumping applikabbli għall-prezz CIF nett u frank fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u li joriġina mill-Ukrajna tkun is-sussegwenti:

Kumpanija	Dazju antidumping (%)	Kodiċi Addizzjonali TARIC
PJSC 'PA' 'Stalkanat-Silur'	10,5	C052
Il-kumpaniji l-oħra kollha	51,8	C999

L-applikazzjoni tar-rati ta' dazju individwali speċifikati għall-kumpanija msemmija fit-tabella ta' hawn fuq isseħħ bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha trid tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li tkun qiegħda toħroġ tali fattura, identifikat/a b'ismu/isimha u l-kariga tiegħu/tagħha, imfassla skont is-sussegwenti: 'Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) ta' ħbula u kejbils tal-azzar mibjugħin biex jiġu esportati lejn l-Unjoni Ewropea koperti minn din il-fattura ġew manifatturati minn (isem u indirizz il-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fl-Ukrajna. Niddikjara li t-tagħrif mogħti f'din il-fattura huwa sħiħ u korrett.' Jekk ma tkun ippreżentata l-ebda fattura bħal din, tapplika r-rata ta' dazju applikabbli għall-'kumpaniji l-oħra kollha'."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/91

tas-26 ta' Jannar 2016

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 li jimplimenta l-iskema ta' ċertifikazzjoni Kimberley Process fil-kummerċ internazzjonali ta' djamanti mhux maħduma

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 li jimplimenta l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-Kimberley Process fil-kummerċ internazzjonali ta' djamanti mhux maħduma ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 2368/2002 jipprevedi li fl-Anness III il-Kummissjoni għandha żżomm lista tal-awtoritajiet tal-Komunità;

(2) Il-Bulgarija bagħtet ittra lill-Kummissjoni biex tinforma dwar l-intenzjoni tagħha li ma tibqax iżżomm Awtorità tal-Unjoni fil-Bulgarija skont ir-Regolament (KE) Nru 2368/2002.

(3) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 2368/2002 għandu jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament 2368/2002,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 2368/2002 huwa mibdul bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2016.

Għall-Kummissjoni

Viċi President

Federica MOGHERINI

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 28.

ANNESS

"ANNESS III

Lista tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kompiti tagħhom kif imsemmija fl-Artikoli 2 u 19

IL-BELĠJU

Federale Overheidsdienst Economie, KMO, Middenstand en Energie, Dienst Vergunningen/Service Public Fédéral Economie,

PME, Classes moyennes et Energie, Service Licence,

Italiëlei 124, bus 71

B-2000 Antwerpen

Tel. (32-3) 206 94 70

Faks (32-3) 206 94 90

Posta elettronika: kpcs-belgiumdiamonds@economie.fgov.be

Fil-Belġju, il-kontrolli tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' djamanti mhux maħduma meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 2368/2002 u t-trattament doganali jsiru biss fl-uffiċċju segwenti:

The Diamond Office,

Hovenierstraat 22

B-2018 Antwerpen.

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Fir-Repubblika Ċeka, il-kontrolli tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' djamanti mhux maħduma meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 2368/2002 u t-trattament doganali jsiru biss fl-uffiċċju segwenti:

Generální ředitelství cel

Budějovická 7

140 96 Praha 4

Česká republika

Tel. (420-2) 61 33 38 41, (420-2) 61 33 38 59, cell (420-737) 213 793

Faks (420-2) 61 33 38 70

Posta elettronika: diamond@cs.mfcr.cz

Servizz permanenti fl-uffiċċju doganali magħżul — Praha Ruzyně

Tel. (420-2) 220 113 788

jew (420-2) 220 119 678

IL-ĠERMANJA

Fil-Ġermanja, il-kontrolli tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' djamanti mhux maħduma meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 2368/2002, inkluż il-ħruġ ta' ċertifikati Komunitarji, isiru biss għand l-awtorità li ġejja:

Hauptzollamt Koblenz

Zollamt Idar-Oberstein

Zertifizierungsstelle für Rohdiamanten

Hauptstraße 197

D-55743 Idar-Oberstein

Tel. (49-6781) 56 27-0

Faks (49-6781) 56 27-19

Posta elettronika: poststelle@zabir.bfinv.de

Għall-finijiet tal-Artikoli 5(3), 6, 9, 10, 14(3), 15 u 17 ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligi ta' rappurtar lill-Kummissjoni, l-awtorità li ġejja taġixxi bħala l-awtorità Ġermaniża kompetenti:

Bundesfinanzdirektion Südost
Krelingstraβe 50
D-90408 Nürnberg
Tel. (49-911) 376 3754
Faks (49-911) 376 2273
Posta elettronika: diamond.cert@bfdso.bfinv.de

IL-PORTUGALL

Autoridade Tributária e Aduaneira
Direção de Serviços de Regulação Aduaneira
R. da Alfândega, 5
1149-006 Lisboa
Tel. +351 218813888/9
Faks: +351 218813941
Posta elettronika: dsra@at.gov.pt

Fil-Portugall, il-kontrolli tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' djamanti mhux maħduma meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 2368/2002 u t-trattament doganali jsiru biss mill-uffiċċju segwenti:

Alfândega do Aeroporto de Lisboa
Aeroporto de Lisboa,
Terminal de Carga, Edifício 134
1750-364 Lisboa
Tel. +351 210030080
Faks: +351 210037777
Indirizz tal-posta elettronika: aalisboa-kimberley@at.gov.pt

IR-RUMANIJA

Autoritatea Națională pentru Protecția Consumatorilor
(L-Awtorità Nazzjonali għall-Ħarsien tal-Konsumatur)
1 Bd. Aviatorilor Nr. 72, sectorul 1 București, România
(72 Aviatorilor Bvd., settur 1, Bucharest, ir-Rumanija)
Cod postal (Kodiċi postali) 011865
Tel. (40-21) 318 46 35/312 98 90/312 12 75
Faks (40-21) 318 46 35/314 34 62
www.anpc.ro

IR-RENJU UNIT

Government Diamond Office
Conflict Department
Room WH1.214
Foreign and Commonwealth Office
King Charles Street
London
SW1 A 2AH
Tel. (44-207) 008 6903/5797
Faks (44-207) 008 3905"

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/92

tas-26 ta' Jannar 2016

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2016.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz (1)	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	IL	236,2
	MA	80,0
	TN	158,2
	TR	99,6
	ZZ	143,5
0707 00 05	MA	86,8
	TR	156,8
	ZZ	121,8
0709 93 10	MA	45,9
	TR	147,0
	ZZ	96,5
0805 10 20	EG	47,4
	MA	62,6
	TN	61,0
	TR	64,3
	ZZ	58,8
0805 20 10	IL	147,6
	MA	77,4
	ZZ	112,5
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	IL	116,8
	JM	154,6
	MA	53,1
	TR	104,1
	ZZ	107,2
0805 50 10	TR	97,9
	ZZ	97,9
0808 10 80	CL	87,5
	US	122,2
	ZZ	104,9
0808 30 90	CN	53,7
	TR	82,0
	ZZ	67,9

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT